MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 819/2009

Master Distributors Limited (C2837).

Vs

Albert Muscat.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija, erba u sebghin ewro u sitt centezmi (€474.06) dovut minghand il-konvenut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Ottubru 2008, tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A numru 576/09, u bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju 2007, data ta' l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta' erba mija, erba u sebghin ewro u sitt centezmi (€474.06), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------